# L-Aħħar Ħaddied Tradizzjonali fis-Siġġiewi

minn **Louis Curmi**

**Is-sengħa tal-ħaddied tradizzjonali fir-raħal Malti naqset ħafna. Ftit għadek tara madwar Malta dak il-ħanut ta' daqs medja fejn kien jaħdem il-ħaddied.**

**Dan ġara bl-iżvilupp tal-magni u l-użu ta' l-aluminju. Il-ħaddied kien jagħmel għodod ġodda u jsewwi meta jkun hemm bżonn. Ix-xogħol li għadu jsir mill-ftit ħaddieda li baqa' hu xi bieb ta' garaxx, aperturi u ħadid għas-sigurtà.**

**Nikola Bonnici** kien jattendi l-Iskola Primarja tas-Siġġiewi. Missieru kien jaħdem ta' ħaddied fil-ħanut tiegħu fi Triq Santa Margerita. Nikol, wara l-iskola u kull meta kien liberu, kont issibu ħdejn missieru jaraħ jaħdem u fl-istess ħin jieħu interess f'dak li kien qed jinħadem.

Missieru induna li t-tifel kienet qed tinbet fih il-ħajra biex jitgħallem is-sengħa meta raħ jgħinu fix-xogħol ta' għodod ta' snajja' differenti, juża l-inkwina u jonfoħlu l-forġa – dak iż-żmien billi tiġbed il-minfaħ bis-saħħa ta' dirgħajk.

Meta Nikol kien qed jitgħallem bil-mod il-mod, u kien għaduu tifel ta' 13-il sena, tilef lil missieru. Għalkemm kien għadu ma tgħallimx biżżejjed, huwa kellu jħalli l-iskola u bil-ftit esperjenza li kien ħa mingħand missieru, b'kuraġġ u rieda soda fetaħ il-ħanut ta' missieru. Beda jaħdem xogħol ta' għodod ġodda għal snajja' differenti u jsewwihom ukoll.

Fissirli li dan ix-xogħol m'huwiex wieħed faċli. Dan kien il-bidu kif Nikol beda jaħdem għal rasu: bena l-prattika waħdu, jaħseb, jikkalkula, jieħu l-qisien meta ma għallmu tista' tgħid ħadd.

Qalli kif l-ewwel xogħol li għamel ta' taraġ, sab diffikultà f'tondjatura biex din tiġi perfetta. Din swiet ta' ġid; ivvinta sistema ta' għodda u biha rnexxielu jaħdem it-tond eżatt. Din l-għodda turi ġeometrija prattika mingħajr qatt ma studja dan is-suġġett. Mhux hekk biss, tant li baqa' jivvinta għodod differenti għal kull xogħol likien ikollu.

Ħadt gost nitkellem ma' Nikol għax barra

**(Silta mill-poeżija *Imbierka l-Id* ta' Pawlu Aquilina)**

**Bikri, ma' sebħ il-għodwa,**
**...**
**tqajjimni int,**
**ja id sewdiena w bieżla,**
**ħabiba tal-martell u l-mazza tqila**
**li taħfen ta' kuljum ġo fik u tagħfas**
**waqt li b'ta' saħħtek sħiħa**
**tinżel itvenven fuq l-inkwina d-daqqa**
**biex tgħattan,**
**biex tittondja,**
**biex traqqaq**
**biex ittawwal,**
**biex tqassar,**
**biex ta' ħsiebek**
**tagħti kull għamla w xejra**
**lil ġamra ta' ħadida**
**li bdilt fil-forġa f'xemx ta' dawl u dija**
**ma' kull tiġbida ta' seħbitek l-oħra**
**li żiedet timla żaqq il-minfaħ artab**
**u tonfoħ qawwi n-nar fil-faħam**
**iswed,**
**li jixgħel,**
**li jħammar,**
**li jsaħħan,**
**li jrattab,**
**li jegħleb il-ħadid, kiesaħ, bla ħajja**
**u jgħawġu w jagħmlu ħaj**
**ma' l-għafsa tiegħek.**
**Imbierka int,**
**ja id sewdiena w bieżla tal-ħaddied!**

li rajt dawn l-għodod, spjegali eżatt kif wasal biex ivvinta u uża dawn l-għodod differenti. Għodda partikolari li riedet il-ħsieb biex tivvintaha kienet dik li biha ħadida tagħmilha f'forma ta' golja.

Illum hawn ħafna tagħlim ta' teorija, iżda mill-kotba mhux biżżejjed. Teħtieġ il-prattika; dawn imorru flimkien. Is-snajja' l-antiki mexxiethom l-aktar il-prattika.

Nikola Bonnici għamel il-karriera tiegħu bħal ħaddied u beda fi żmien diffiċli ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Illum, il-ħanut tiegħu hu, biex jgħidu hekk, Mużew tal-Ħaddied. Is-Siġġiewi għandu biex jagħmel mużew eċċellenti ta' għodod antiki ta' snajja' differenti: ta' ħaddieda, bdiewa, mastrudaxxi u bennejja.

B'xorti tajba, is-Siġġiewi llum għandu l-*Limestone Heritage*, li hu mużew klassiku li juri kif kien jinħadem ix-xogħol tal-barriera.

Nikol Bonnici hu bniedem kwiet, umli, mistħi u serju ħafna fi kliemu u f'xogħlu. Jiena u Nikol Bonnici għandna l-istess età, b'differenza ta' ħamest ijiem biss. Konna fl-istess klassi primarja u t-tnejn tlifna 'l missierna fl-istess sena – 1945 – meta kien għad għandna biss 13-il sena.

**Nirringrazzjah tat-tagħrif li tani u li jiena stajt ngħaddi lil ħaddieħor biex inkomplu nuru bil-kitba l-ħajja ħawtiela tal-ħaddiema Siġġiwin.**







*Filwaqt li nirringrazzjaw lid-ditti u ħwienet li rreklamaw f'dan il-ktejjeb, inħeġġukom sabiex tagħmlu użu mis-servizzi u prodotti li huma joffru.*

*Il-Kumitat*